# NOMINA TA' DOTT. JOSEPH DIMECH GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÁ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI

**Risposta** **2 ta' Jannar 2024**

Nixtieq nirringrazzja lil-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi tal-Parlament talli għoġbu jitlob mingħandi risposta għal dawn il-mistoqsijiet validissimi li staqsewni. Ippruvajt mill-aħjar li stajt nirrispondi għall-mistoqsijiet kollha. Fl-istess waqt jien ikkunsidrajt u rrispondejt iż-żewġ settijiet ta' mistoqsijiet b'tali mod li jagħmlu parti minn dokument wieħed.
Niddikjara li r-risposti huma kollha ideat personali tiegħi u ma jirriflettux l-opinjoni ta' ebda organizazzjoni jew individwu ieħor.



Joseph Dimech

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Tista' jekk jogħġbok tispjega l-kredenzjali u telabora fuq l-esperjenza tiegħek fil-qasam tal-anzjani?

Fis-sena 2024, nagħlaq 40 sena fil-professjoni ta' tabib, fejn pratikament kollha għamilthom naħdem mal-anzjani f'pajjiżna.

Din il-ħidma laħqet l-isferi kollha tal-kura tal-anzjani, ibda minn dik fil-komunità b'visti fid-djar domiċiljari, u kompli bil-kura ta' anzjani fid-djar residenzjali, kura paljattiva fl-aħħar tal-ħajja, kif ukoll kura akuta u ta' rijabilitazzjoni.

Fejn tidħol ħidma f'kumitati, sew governattivi u dawk volontarji, matul is-snin kelli diversi karigi. Sal-lum għad għandi l-pjaċir tal-inkarigu ta' Chairperson fuq il-Kumitat tal-Etika ta' San Vinċenz u l-inkarigu ta' Segretarju fuq l-Advance Care Planning Working Group tas-Soċjetà Maltija tal-Ġerjatrija, u jien ukoll membru fuq l-ENDCARE2 Project tal-Università ta' Malta.

Kien hemm diversi snin fid-disgħinijiet fejn kont ukoll servejt bħala Chairperson tal-Community Homes Advisory Committee li kien fost l-ewwel attentati statali għal żvilupp ta' standards kliniċi fil-Community Homes.

Aparti dan jien għandi l-inkarigu akkademiku bħala Associate Dean tal-Queen Mary University of London (Malta) fejn xogħli jinkludi l-amministrazzjoni u t-tagħlim tal-istudenti tal-mediċina fejn tidħol il-kura tal-anzjani.

L-aħħar kumment huwa fuq laqta aktar personali. Matul is-snin dejjem ħaddant il-prinċipju ta' solidarjetà u ħidma għat-tisħiħ tad-dinjità umana fl-anzjani. Dan irrifletta fir-riċerka tad-dottorat tiegħi li kellha x'taqsam ħafna dwar l-etika tal-kura fl-aħħar

tal-ħajja għal persuni bid-demensja, suġġett li jirrigwardja l-ħarsien tad-dinjità umana fost l-aktar nies vulnerabbli fis-soċjetà tagħna.

2. Kif tiddeskrivi l-pożizzjoni ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards tal-Anzjani?

Iċ-Chairperson huwa wieħed minn seba' membri tal-Bord ta' Gvernaturi li jiġu maħtura għal perjodu ta' tliet snin u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura għal perjodu ta' tliet snin oħra.

Iċ-Chairperson irid isejjaħ laqgħa tal-bord tal-anqas darbtejn fix-xahar jew aktar spiss, skont kemm iħoss li jkun il-bżonn.

Iċ-Chairperson jiffirma kull dokument li jkun intiż bħala strument għat-twettiq tal-liġi u ħarsien ta' standards.

Iċ-Chairperson għandu jiżgura li kull revoka ta' liċenzja tkun sanzjonata mill-maġġoranza tal-Membri tal-Bord li jkunu preżenti għal-laqgħa.

Iċ-Chairperson jista' jordna spezzjonijiet mill-Ispettorat ta l-OPSA fi kwalunkwe sit illiċenzjat minnha, jekk ikun hemm ħsieb ta' servizz mogħti ħażin jew natura inferjuri. Għandu dritt ukoll jitlob l-assistenza tal-Pulizija skont il-gravità tal-każ. Ir-rapport tal-ispezzjoni jkun irid jitressaq quddiem il-Bord fi żmien tlett ijiem biex jiddeċiedi dwar kwalunkwe azzjoni amministrattiva.

3. Xi rwol taħseb li għandu jkollok jekk kemm-il darba tkun approvat għal din il-kariga? Kif taħseb li għandek tapplika l-esperjenza tiegħek sabiex l-Awtorità titmexxa għaż-żmien li ġej?

Bħala Chairperson, ir-rwol tiegħi jkun li nagħti direzzjoni lill-OPSA skont il-liġi u kif deċiż mill-Bord tal-Gvernaturi. Dan sabiex flimkien mas-CEO u l-ħaddiema kollha, nilħqu l-għanjiet tal-Awtorità. Dan isir billi flimkien nagħrfu, nibnu, niddefinixxu, noħorġu u nirregolaw liċenzji għal servizzi, ibbażata fuq viżjoni ċara li l-għan ewlieni tagħha tkun li nsaħħu d-dinjità umana tal-anzjani li jibqgħu dejjem fiċ-ċentru tal-ħidma kollettiva tagħna.

Tul għexieren ta' snin kelli x-xorti li naħdem ferm viċin ma' anzjani ta' kull età u kondizzjoni. Din l-esperjenza tatni ċ-ċans nivvalorizza lil kull persuna anzjana, lill-familji tagħhom li jieħdu ħsiebhom, lill-entitajiet u amministraturi ta' kura, kif ukoll kull impjegat / volontarju / ħbieb li b'xi mod jagħti servizz u assistenza lil min huwa batut. Irridu nifhmu li l-kura u l-ħarsien tal-anzjani hija kumplessa għax tinvolvi ħajja twila u esperjenzi ta' bniedem li għex u bata f'ħajtu. Għaldaqstant huwa importanti li kull stakeholder involut għandu jiġi ivvalorizzat u mogħti l-importanza xierqa sabiex flimkien naħdmu biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani f'Malta u Għawdex.

4. Kif tara li evolva dan is-settur matul is-snin li għaddew? Kif taħseb li għandu jkompli jevolvi għas-snin li ġejjin?

   Minn meta ġejt infurmat bil-ħsieb li niġi kkunsidrat bħala Chairperson tal-OPSA, tlabt informazzjoni dwar kif taħdem l-SCSA. Min dak li rajt, din l-Awtorità tidher li hija strutturata u organizzata tajjeb ħafna.

   Nifhem li ladarba issa għaddiet il-liġi tal-OPSA, din se tagħmilha aktar faċli li jiġu żviluppati u implimentati l-istandards u r-regolamentazzjoni tal-liċenzji u kura tal-anzjani, għax issa kollox jinstab taħt struttura waħda, distinta, u iffukata fuq is-settur. Fil-mument opportun, a bażi ta' inklużjoni tal-istakeholders kollha, niflu dak li hemm, intejbu dak li diġà jeżisti, u nħarsu bil-galbu sabiex nintroduċu standards ġodda fejn forsi sa issa għad ma kienx hemm iċ-ċans li jiġu żviluppati.

5. X'inhuma l-isfidi prinċipali li taħseb li hemm f'dan il-qasam? Qiegħed tara li qed isir titjib sabiex jingħelbu? X'taħseb li għandhom ikunu l-passi li jmiss sabiex jingħelbu dawn l-isfidi?

   L-ewwel kuntatt professjonali li kelli fejn tidħol il-kura tal-anzjani kien fl-1978. Dak iż-żmien il-maġġoranza tal-anzjani kienu jiġu kkurati mill-familja f'darhom, Kien għaldaqstant żmien, fejn ħlief għal xi djar tal-Knisja, u Ħas-Serħ (illum San Vinċenz de Paul), dawn kienu l-uniċi postijiet ta' kura residenzjali u kienu mmirati l-aktar għal dawk li ma kellhom lil ħadd jieħu ħsiebhom. Niftakar dak iż-żmien is-swali f'Ħas-Serħ kienu kollha kmamar ferm kbar b'ħafna sodod, waħda ħdejn l-oħra, bla partitions u bi privatezza ferm limitata, fejn n-nurses u l-ftit tobba fuq il-post, xogħolhom kien biss biex jagħtu kura bażika.

   Maż-żmien, is-soċjetà bdiet tħares lejn il-kura tal-anzjani b'mod differenti, ħafna amministrazzjonijien, gvernijiet, u ħaddiema stinkaw sabiex idaħħlu, itejbu u jkabbru s-servizzi, sew fil-komunità kif ukoll fil-faċilitajiet ta' kura fit-tul.

   Illum, bil-pressjoni tal-ħajja mgħaġġla ta' soċjetà moderna, huma ferm anqas il-familji li jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom fid-djar tagħhom, u għaldaqstant saret ferm aċċettata li kif tikber u ma tibqax tiflaħ, dak li jkun ifittex kura ġo waħda mill-bosta djar tal-anzjani mxerrdin fl-irħula u l-ibliet. Tant hu hekk, li saret moda li kważi kull problema medika/funzjonali/soċjali serja li tinqala', is-soluzzjoni ewlenija għal dawk li għalqu ċerta età tkun biex tidħol ġo Home, bi ftit ħsieb profond sabiex jiġu esplorati alternattivi fil-komunità. F'sitwazzjonijiet bħal dawn ikun hemm ħafna pressjoni minn tal-familja u inċertezza u nuqqas ta' fiduċja sabiex wieħed jagħti ċans u jistenna ġo daru ħa jara kif se jirkupra mill-mard/sitwazzjoni li nqalgħet.

   Dan l-atteġġjament jikkuntrasta mal-osservazzjoni li bosta anzjani meta jkunu ffaċċjati b'diżabilità jgħidulek, "Kieku possibbli nixtieq nibqa' ġewwa dari!"

   Hawn il-ħsieb imur fuq l-argument, "Min jaf li kieku kellna nkattru aktar fiduċja fis-support offrut fil-komunità, u apertura akbar għal kura, riabilitazzjoni, u rkupru xi jkun ir-riżultat?"
   Fl-istess waqt wieħed ukoll jistaqsi, "Kif nistgħu naħdmu sabiex noffru soluzzjonijiet u għajnuna akbar fid-dar, nesploraw ukoll soluzzjonijiet u alternattivi ġodda fil-komunità li jsaħħu l-independenza tal-anzjan, fejn bl-għajnuna ta' kampanja akbar ta'

marketing tal-kura offruta fil-komunità, twassal għal *shift* reali li jwassal sabiex aktar anzjani jibqgħu jgħixu fl-ambjent ta' darhom privata......kif jixtiequ?"

Filwaqt li tul is-snin il-varjetà u l-istandards tas-servizzi fil-komunità u fid-djar residenzjali offruti baqgħet dejjem titjib, ta' min wieħed jirrimarka li l-aspirazzjonijiet u l-kura mistennija mill-anzjani nnifishom u qrabathom laħqet livell aktar għoli minn dik ta' qabel. Nemmen li din il-pressjoni għal livell ta' kura aktar għolja u personalizzata għad biż-żmien tkompli tiżdied. Dan għaliex filwaqt li l-anzjani ta' 'l fuq minn 78 sena tal-lum huma nies li fi tfulithom għexu ż-żminijiet tal-gwerra u l-faqar li ġabet magħha. Dawk iżgħar u l-anzjani l-ġodda tal-lum huma nies li twieldu fi żminijiet ta' edukazzjoni u kwalità tal-ħajja ħafna aħjar minn ta' qabilhom, u għaldaqstant forsi l-ambizzjonijiet tal-anzjani iżgħar fl-età, il-"young old" tal-lum huma aktar għoljin minn qatt qabel.

Għaldaqstant l-Awtorità, trid tibqa' sensittiva u tireaġixxi għal dan il-fenomenu u taġġorna ruħħha maż-żminijiet. Dawn jinkludu fatturi ta' interpretazzjoni ta' drittijiet, awtonomija, kwalità tal-ħajja, servizzi, u tisħiħ ta' dinjità umana, li forsi hemm il-bżonn jiġu riveduti u aġġornati matul is-snin li ġejjin.

Effett primarju ta' dan huwa li l-anzjani l-ġodda kulma jmur, aktar qed jesiġu li jkunu involuti fid-deċiżjoniet dwar ħajjithom, fosthom l-għarfien fuq saħħithom u li jiġu involuti fid-deċiżjonijiet dwar il-kura tagħhom.

Matul is-snin sar ħafna xogħol biex din il-komunikazzjoni bejn il-pazjent u t-tabib titjieb. Forsi wasal iż-żmien li jsir pass ieħor 'il quddiem fejn l-anzjani, bl-għajnuna tal-familja u l-professjonisti, ikunu aktar involuti fil-pjan ta' kura tagħhom stess, sew dik tal-lum u anke dik ta' għada, li fosthom jinkludi ċ-ċans li jesprimu x-xewqat u l-valuri tagħhom minn qabel għal meta jkunu qrib il-mewt. Dan il-proċess li jismu Advance Care Planning, huwa kunċett li f'pajjiżna għadu qed jitwieled.

Nafu li diġà qed isir stratifikazzjoni ta' servizzi għall-kura tal-anzjani skont il-bżonnijiet tagħhom, eżempju huwa dak ta' kura u wens fi djar residenzjali għal min mhuwiex daqstant ħażin, filwaqt li jeżistu postijiet ta' kura oħra bħal San Vinċenz għal min għandu bżonn kura aktar kumplessa u medika. Forsi wasal il-waqt li jiġu esplorati aktar livelli ta' kura li jilħqu aktar viċin il-bżonnijiet individwali. Dawn huma ftit eżempji:

- Tiġi rregolata bi standards il-kura fid-djar domiċiljari tal-anzjani sabiex ikun assigurat li dawn jirċievu kura ta' livell adegwat, sigura, u ta' dinjità, u b'hekk tiżdied il-ħeġġa u s-serħan il-moħħ sabiex dak li jkun jibqa' jgħix ġewwa daru.
- Hemm firxa ta' anzjani independenti li għax weħidhom, jew għax tilfu l-kunfidenza fihom infushom, kif ukoll għax tilfu min jagħtihom titwila, ġew kostretti jidħlu f'waħda mid-djar tal-anzjani. Fir-Renju Unit dawn jiġu offruti akkomodazzjoni, ħafna drabi bil-kera, f'kumplessi magħrufa bħala Sheltered Housing (dan il-kunċett huwa msemmi fin-National Active Ageing Strategy, Malta, 2023 - 2030, ara ritratt isfel). F'Sheltered Housing l-anzjan jibqa' jgħix ħajja independenti fil-komunità, fejn jgħix ġewwa flatlet li jagħmel parti minn kumpless ta' flatlets, fejn l-uniku servizz li jkollhom huwa dak ta' Warden li qiegħed hemm għal li jista' jinqala'. Servizz bħal dan iżomm l-independenza u l-awtonomija tal-anzjan fil-komunità f'ambjent ta' wens għax jaf li teżisti l-għajnuna jekk ikollu bżonnha.
- Aspett ieħor li jista' jiġi esplorat huwa li jinfetaħ livell ieħor ta' kura fejn jirrigwardjaw servizzi residenzjali offruti lil persuni li jbatu mid-dimensja. Nafu li

persuni bid-dimensja ibatu minn spettru wiesa' ta' bżonnijiet diversi u distinti li jirrekjedu ambjent speċjalizzat, kull wieħed divers mill-ieħor skond il-livell milħuq tal-marda. Il-ħsieb huwa li tiżdied kategorija ta' kura għall-anzjani li għadhom fil-bidu tad-dimensja, dawn huma nies li ikun għadhom igawdu kważi mill-funzjonijiet kollha tagħhom, imma fl-istess waqt mhumiex kapaċi jgħixu waħedhom f'darhom. Dawn għandhom bżonn ambjent u kura li tistimola dak li għad fadlilhom sew mentalment, soċjalment u funzjonalment. Huwa ċar li l-bżonnijiet tagħhom huma distinti minn min għandu kundizzjoni ta' wandering jew aggressività minħabba d-dimensja, kif ukoll huwa ferm differenti minn min wasal fl-aħħar fażi paljattiva tal-marda.

6. Kemm taħseb li huma importanti l-edukazzjoni u t-taħrig sabiex jingħelbu dawn l-isfidi?

Nafu li l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għall-għarfien, li twassal għal deċiżjonijiet għaqlin. Fejn jidħlu l-anzjani u l-qraba tagħhom, dawn huma l-utenti tas-servizzi rregolati mill-OPSA u għalhekk jeħtieġu li jiġu ggwidati, mogħtija informazzjoni, u mgħejuna jiddeċiedu dak li jixtiequ għalihom infushom. Ħadt pjaċir meta rajt li l-SCSA ħarġet fuljetti għal utenti li jużaw is-servizzi għall-anzjani, forsi huwa l-waqt li jiġi esplorat kif dawn jistgħu jespandu, fosthom bl-użu akbar tal-medja, u li jinstab mezz kif dawn jiġu aġġornati regolarment. L-għan huwa sabiex l-utenti jagħrfu x'inhuma s-servizzi provduti, fejn isibu informazzjoni dwarhom, jagħrfu jagħżlu dak li jgħodd għalihom, isiru jafu aktar x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom, u kif jistgħu jwasslu lment fejn meħtieġ.

Fejn jirrigwarda l-fornituri tas-servizzi, huwa sew li l-SCSA ħasbet sabiex jiġu ppublikati booklets professjonali li jispjegaw x'inhuma l-obbligi tagħhom. Forsi, anke hawn tkun idea tajba li jiġu esplorati mezzi kif dawn il-booklets jiġu aġġornati aħjar, u fl-istess waqt jistgħu jsiru attivitajiet edukattivi sabiex il-fornituri tas-servizzi u l-ħaddiema tagħhom itejbu is-servizz tagħhom. Dan jista' jinkludi serje ta' seminars iffokati fuq suġġetti speċifiċi (e.g. ħarsien tad-dinjita umana, inizjattivi għal health promotion, kif issostni ambjent sigur fid-dar).

Inħoss li għall-ħaddiema barranin (nurses u carers), hemm bżonn attenzjoni speċjali. Uħud jagħmlu sforz sabiex jikkomunikaw bil-Malti, iżda hemm ħafna oħrajn li dak li tgħallmu fil-kors tal-Medical Maltese ma jagħmlux sforz biżżejjed biex japplikaw fil-prattika u ta' kuljum, għalhekk malajr jintesa. Dawn għandhom ikollhom il-possibbiltà, li jattendu workshops perjodiċi sabiex jipprattika il-komunikazzjoni bil-Malti. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa fundamentali l-aktar meta nafu li ħafna mill-anzjani tal-lum ġejjin minn tfulija fejn ma kinitx obbligatorja li jattendu l-iskola (obbligatorja bdiet mill-1946), u għaldaqstant jeħtieġu min jikkomunika magħhom bil-Malti b'mod fluwidu biex jinftehmu l-bżonnijiet tagħhom u tissaħħaħ il-relazzjoni bejn l-anzjani u min jieħu ħsiebhom.

Fl-istess waqt wieħed ma jridx jinsa li l-ħaddiema ta' kull livell fl-OPSA, huma wkoll għandhom ikollok iċ-ċans li jifformaw ruħhom aktar fil-ħidma rispettiva tagħhom. Jien informat li dan diġà qed isir. Wieħed irid jara kif dan jista' jitkompla u jissaħħaħ għaż-żmien li ġej.

7. Hemm xi investimenti partikolari, sew mill-gvern jew inkella mill-privat, li taħseb li għandhom isiru f'dan is-settur?

   Diġà aċċennajt għal Sheltered Housing f'risposta nru. 5 (ara paġni 3-5). Dan huwa servizz residenzjali ta' housing li huwa ferm popolari fir-Renju Unit. Jekk l-anzjan b'diżabilità limitata li ma jkunx aktar kapaċi jgħix ġo daru, ikollu ċ-ċans li jikri flatlet funzjonali għall-bżonnijiet tiegħu, dan jissalvagwardja l-independenza, u l-awtonomija u l-privattezza tal-individwu. F'kumpless ta' Sheltered Housing tinbena komunità ta' nies anzjani li jgħixu ħdejn xulxin li jkollhom il-wens ta' resident warden għal li jista' jinqala. Fir-Renju Unit is-servizz ta' Sheltered Housing ħafna drabi jiġi imkabbar għal dak li jgħidulu Extra Sheltered Housing, fejn f'dawn il-kumplessi ikun hemm ukoll miżjud ikel provdut, u servizzi ta' home nursing/home help li jixbħu ħafna lis-servizz li jingħata fid-dar domiċiljari.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani?

   Peress li l-mistoqsija hija simili, ir-risposta hawn taħt hija l-istess bħal dik tal-mistoqsija no.2 (ara paġna 2)

   Iċ-Chairperson huwa wieħed minn seba' membri tal-bord ta' Gvernaturi li jigu maħtura għal perjodu ta' tliett snin u jistgħ jerġgħu jiġu maħtura għal perjodu ta' tliet snin oħra.

   Iċ-Chairperson irid isejjaħ laqgħa tal-bord tal-anqas darbtejn fix-xahar jew aktar spiss, skont kemm iħoss li jkun il-bżonn.

   Iċ-Chairperson jiffirma kull dokument li jkun intiż bħala strument għat-twettieq tal-liġi u ħarsien ta' standards.

   Iċ-Chairperson għandu jiżgura li kull revoka ta' liċenzja tkun sanzjonata mill-maġġoranza tal-membri tal-bord li jkunu preżenti għal-laqgħa.

   Iċ-Chairperson jista' jordna spezzjonijiet mill-ispettorat tal-OPSA fi kwalunkwe sit illiċenzjat minnha, jekk ikun hemm ħsieb ta' servizz mogħti ħażin jew natura inferjuri. Għandu dritt ukoll jitlob assistenza tal-pulizija skont il-gravità tal-każ. Ir-rapport ta l-ispezzjoni jkun irid jitressaq quddiem il-bord fi żmien tlett ijiem biex jiddeċiedi dwar kwalunkwe azzjoni amministrattiva.

2. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani?

Fl-opinjoni tiegħi matul is-snin sar ħafna xogħol siewi f'dan il-qasam mill-SCSA. Is-serjetà, l-istruttura u r-regolamentazzjoni li kelli x-xorti nifli huma bażi tajba għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-OPSA.

Biss ma għandniex nieqfu hawn, fl-opinjoni tiegħi l-istruttura tal-OPSA fid-dawl tal-liġi l-ġdida trid tiġi miflija bir-reqqa mill-Bord tal-Gvernaturi, is-CEO u l-ħaddiema l-oħra tal-Awtorità, b'konsultazzjoni mal-fornituri tas-servizzi, l-anzjani u qrabathom, u l-pubbliku in ġenerali. Dan sabiex nagħrfu nissodaw dak li huwa sew, intejbu dak li jista' jkun aħjar, u niflu u nesploraw xi blind pockets ta' servizzi pprovduti lill-anzjani li sa issa ma rnexxilniex nilħqu b'mod konkret, sabiex dawn ukoll jiġu strutturati bi standards ta' livell mixtieq

3. Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani?

Ħadt pjaċir nara li l-liġi l-ġdida tal-OPSA ikkonsidrat, mingħajr eċċezzjoni, sabiex tirregola s-servizzi kollha provduti lill-anzjani f'pajjiżna. Dan l-objettiv jiftaħ il-bieb għal analiżi tas-servizzi li l-anzjani qegħdin jirċievu ġewwa djarhom, sew minn qraba, ħbieb, volontarji, privati, tal-knisja, u statali.

M'għandix dubju li fil-maġġor parti tal-anzjani fil-bżonn ta' kura ġewwa darhom, dawn qed jingħataw l-attenzjoni u kura bi mħabba u b'impenn, u li sa fejn huwa possibbli tal-familja u l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-AACC/Privat/Volontarjat/il-Knisja jagħtu servizz ta' valur lil min huwa fil-bżonn. Biss inħoss li hemm bżonn li l-kura li tingħata mill-qraba lill-anzjani f'darhom u anke mill-Istat/Privat/tal-Knisja/Volontarjat għandha tiġi rregolata bi standards bħalma jsir f'pajjiżi oħra (ara sit internet, fl-appendiċi, ara paġna 9). Irridu niftakru li l-anzjani huma nies vulnerabbli fejn ħafna minnhom huma diżabbli u fraġli. Għaldaqstant, il-kura li tingħata lilhom teħtieġ li tiġi rregolata bi standards biex jonqos ir-riskju ta' kull forma ta' abbuż u kura sub-standard li faċli tinħeba wara l-bieb magħluq tad-dar. Biex dan isir ikun hemm bżonn għarfien aħjar ta' x'qiegħed jiġri fid-djar domiċiljari, konsultazzjoni wiesgħa ma' min diġà qed jagħti dan is-servizz u l-pubbliku in ġenerali. Dan għandu jwassal biex nagħrfu fejn hemm x'jitranġa u flimkien nibnu, pass pass, standards għal servizzi domiċiljari għall-anzjani li jixraq għas-soċjetà Maltija.

4. X'taħseb li għandhom ikunu l-kisbiet tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani matul il-ħames snin li ġejjin?

Kif diġà għedt f'risposta nru. 2 (ara paġna 7), ħafna mill-istrutturi ta' standards diġà qegħdin hemm u huma mibnija fuq bażi soda. Biss inħoss li hemm bżonn naraw kif dawn jistgħu jiffokkaw aktar fuq il-bżonnijiet tal-individwu anzjan li qiegħed jirċievi servizz mill-istat/privat/volontarjat/il-knisja. Aspett minnhom huwa li l-OPSA għandha tikkunsidra li tiżgura li kull anzjan li jbati bid-dimensja u ma jkollu 'l ħadd li jiġi minnu involut fil-kura tiegħu, dan jeħtieġ li jiġi appuntat għalih public guardian jew kuratur legali sabiex jieħu ħsieb jiddeċiedi għalih.
Apparti dan, f'dawk l-anzjani vulnerabbli bi problemi kumplessi, tista' tiġi kkunsidrata li jiġi appuntat għalihom Case Manager li xogħlu jkun li jikkordina u jgħin sabiex tiġi pprovduta kura li hija sigura, fil-ħin, effettiva, effiċjenti, ġusta u

ċċentrata biex tilħaq il-bżonnijiet tal-anzjan. Dan għandu jgħin biex jilħaq problemi li ħafna drabi jinħbew, bħas-solitudini, saħħa mentali, inattività, unmet needs, fosthom ix-xiri ta' apparat speċjali, u monitoraġġ ta' progress ta' problemi fit-tul.

5. Kif tiddeskrivi l-qagħda tal-persuni anzjani f'pajjiżna?

Spiss nitħasseb kif matul is-snin, kull meta inqalgħet issue nazzjonali, li tolqot lill-anzjani, bħala settur sinjifikanti tas-soċjetà Maltija, ftit jew xejn tisma' organizzazzjonijiet tal-anzjani infushom li jsemmgħu leħinhom. Qisu l-ħoss tal-anzjani fis-soċjetà Maltija ħallewh f'idejn ħaddieħor biex jaqbeż għalihom. Dan il-vojt f'soċjetà demokratika jagħmilha aktar diffiċli sabiex il-bżonnijiet tagħhom, il-leħen tagħhom, jinstema' u jiġi diskuss fil-fora ta' diskussjoni nazzjonali. Dan jagħmlu wkoll aktar problematiku li jiġi magħruf x'iridu verament. M'għandix dubju li l-ġenerazzjoni li tielgħa ta' anzjani ġodda, bl-edukazzjoni għola u aċċess akbar għall-internet, din l-attitudni passiva għad trid tinbidel.

6. Kif tiddeskrivi l-qagħda tas-servizzi offruti lill-persuni anzjani f'pajjiżna?

Nislet punt mir-risposta tiegħi nru 5 (ara paġna 8). Ħafna Anzjani Maltin, jekk mogħtija ċ-ċans u l-għajnuna jħossu ġenwinament li anke meta fraġili, ikunu jixtiequ jibqgħu jgħixu fi djarhom, biss ftit li xejn jagħmlu resistenza meta jkun issuġġerit lilhom sabiex jidħlu f'dar tal-anzjani, forsi l-aktar għax ma jafux jew ma jemmnux li jistgħu jeżistu alternattivi fil-komunità. Fuq dan l-argument inħoss in-nuqqas kbir ta' vuċi kollettiva u organizzata tal-anzjani sabiex issir pressjoni għal għarfien akbar ta' x'servizzi jeżistu u impenn għal aktar servizzi varjati fil-komunità. Fid-dawl ta' dan, tagħmilha aktar diffiċli għall-Amministratur biex jifhem aħjar x'inhuma x-xewqa reali tal-anzjani biex b'hekk jinbnew policies ħalli jitwettqu. Hawn forsi għandha tintefa aktar attenzjoni biex issir aktar riċerka fuq dak li qed jiġri realment fis-soċjetà Maltija u li din-riċerka tiġi ppreżentata b'mod li tinstema' u tiġi diskussa fil-fora interessati.

7. X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet fis-settur tal-kura u l-ħarsien tal-persuni anzjani matul l-aħħar għaxar snin f'pajjiżna?

Ir-risposta għal mistoqsija 7. u 8. f'din is-sezzjoni se nirrispondihom flimkien. Tul l-40 sena ta' ħidma kontinwa fil-qasam tal-anzjani, rajt ħafna tibdil kif is-soċjetà tħares lejn l-anzjani. Qabel kellna soċjetà ta' extended family fejn fil-familja kbira, l-aktar in-nisa, kienu jagħmlu minn kollox sabiex il-ġenituri, in-nanniet, iz-zijiet jibqgħu jgħixu fi djarhom sal-aħħar nifs. Matul is-snin, il-familji ċkienu, aktar nisa ħarġu jaħdmu, wara l-job żdiedu impenji oħra li spiss iwasslu għal respons, "m'għandix ħin, biex nieħu ħsieb lill-ġenituri!"

Fl-istess waqt, l-anzjani qed jgħixu aktar fit-tul, fejn ħafna drabi s-snin extra mirbuħa huma sfortunament aktar rebħ ta' ħajja li hija mogħnija bi fraġilità u diżabilità, aktar minn snin ta' saħħa, attività, u independenza.

Għal dawn ir-raġunijiet u aktar, saret bżonn li noffru lill-anzjani għajnuna formali biex jipprovaw jibqgħu jgħixu fi djarhom. Biss spiss il-pressjoni (mill-familja, il-professjonisti, is-soċjetà) timbotta l-aġenda li aħjar l-anzjani jidħlu jgħixu fi djar tal-

anzjani għaliex hemm ikunu aktar safe, ma jkunux waħedhom, u ikunu moqdijin minn kollox, eċċ.

Biss fil-fatt huwa magħruf li tidħol ġewwa dar tal-anzjani fiha l-preġji u d-difetti tagħha għaliex meta tidħol f'dar tal-anzjani, titlef l-independenza, l-awtonomija, il-ħeġġa biex tibqa' attiv, titlef il-komunità ta' ħbieb u ġirien li kbirt magħhom għal 50 sena u aktar.

Ma hemmx dubju li d-djar tal-anzjani mlew vojt li ħalla il-progress tas-soċjetà u l-pressjoni ta' ħajja moderna. Li jrid isir huwa aktar impenn, sabiex inkabbru kull sforz, sew fid-djar domiċiljari u anke fi djar tal-anzjani, b'servizzi ġodda u innovattivi sabiex l-anzjan jiġi ivvalorizzat aktar, iżomm ruħu aktar attiv u iżomm kontroll akbar fuq ħajtu, kull fejn qed jgħix.

8. X'taħseb li kienu l-kisbiet ewlenin fis-settur tal-kura u l-ħarsien tal-persuni anzjani matul l-aħħar għaxar snin f'pajjiżna?

   Jekk jogħġbok ara risposta taħt mistoqsija nru. 7.

9. X'karigi oħra beħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani?

   Il-karigi li se jkolli minn Frar 2024 'l quddiem, huma dawk ta' Senior Lecturer (Faculty Development) mal-Queen Mary University of London, Malta.

   Fl-istess waqt, offrejt li nkompli l-ħidma tiegħi bħala Chairperson tal-Kumitat tal-Etika ta' San Vinċenz de Paul, għax naf li dan huwa bord li l-ħidma tiegħi huwa komplimentari ma' dak ta' Chairperson tal-OPSA.

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani?

    Niddikjara li ma għandi l-ebda attività kummerċjali.

Appendiċi

- Domiciliary care standards and quality assurance (UK, 2021, August). From https://www.homecare.co.uk/advice/domiciliary-care-standards-and-quality-assurance

- Eżempju:: Newham London Borough Council Sheltered Housing (source google images)

